

# L-Istorja tal-Parroċċa San Sebastjan

***Sebastian Vella B.A. (Hons) P.G.C.E***

Din is-sena l-parroċċa tagħna se tiċċelebra l-75 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Għalhekk ikun xieraq jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja glorjuża ta' din il-parroċċa.

L-oriġini tal-parroċċa jmorru lura għall-pesta tal-1813-14 meta minn 4500 Qormi mietu 740. B'radd ta' ħajr lil San Sebastjan protettur tal-pesta fl-1815 twaqqfet statwa ta' dan il-qaddis li hija xogħol fil-ġebla tal-aħwa Cikku u Glormu Fabri mill-Birgu. Bix-xieraq din l-istatwa, li tħares lejn il-port minn fejn ġiet il-pesta, irrestawrawha din, is-sena l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Ma' din l-istatwa li oriġinarjament kienet f'tarf ir-raħal kibret il-parroċċa ta' San Sebastjan.

Fl-1880 fuq art mogħtija mill-Luqi Mikelangelo Azzopardi taħt id-direzzjoni tiegħu stess bdiet tinbena knisja dedikata lil San Sebastjan propju faċċata tal-istatwa tal-aħwa Fabri. X'aktarx il-pjanta kienet tal-Perit Gużeppi Borg (tal-Lira). Fid-9 ta' Marzu 1890 din il-knisja tbierket mill-vigarju Mons. Guzeppi Merċieca fil-preżenza tal-Kappillan ta' San Ġorġ Dun Manwel Pace.

Din il-Knisja biż-żmien intliet b'opri tal-arti sbieħ. Il-kwadru titulari sar fl-1889 xogħol il-pittur Lazzaro Pisani. Fuq l-artal maġġur kien hemm żewġ Pitturi oħra ta' Pisani li llum inbiddlu ma' żewġ pitturi ta' Guiseppe Cefai li juru "Il-Qalb ta' Ġesu" u "Il-Qalb ta' Marija". Fuq iż-żewġ altari l-oħra nsibu pittura ta' Pisani bi "Kristu mgħobbi bis-salib" u kwadru tal-"Madonna tar-Rużarju" li nġieb minn Napli.

F'din il-Knisja nsibu żewġ kampnari ta' sbuħija partikolari u f'wieħed minnhom hemm arloġġ tal-1905 tal-aħwa Suban mill-Birgu. Il-Koppla baqgħet ma' nbniet qatt. Il-gallarija tal-orgni tlestiet fl-1905 u ġiet indurate fl-1924 minn Lorenzo Gatt. Fl-1932 ġie rħamat l-artal maġġur minn Ġużeppi Buhaġiar. Din il-Knisja qiegħda tiġi restawrata mill-parroċċa bħala ċelebrazzjoni tal-75 anniversarju.

Fid-19 ta' Ġunju 1918 l-Arċisqof Dom Mawru Caruana għamel din il-Knisja Viċi-Parroċċa. Minbarra l-festa titulari ta' San Sebastjan, li kienet tiġi ċelebrata fl-20 ta Jannar, bdiet toħroġ mill-1927 'il quddiem il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesu'.

Fil-5 ta' Jannar 1936 ingħata l-pussess tal-parroċċa l-ġdida ta' San Sebastjan lill-ewwel kappillan Dun Alwig Psaila mill-Vigarju Paolo Galea. Mill-bidu twaqqfu l-fratellanzi tas-SS Sagrament li jieħdu ħsieb il-purċissjoni ta' Corpus Christi u l-fratellanza tad-Duluri li fl-1937 xtraw statwa tad-Duluri wieqfa xogħol l-istatwarju Wistin Camilleri. Din ġiet mibdula fl-1948 mill-istatwa ta' Xandru Mallia. Maż-żewġ fratellanzi twaqqfet ukoll it-Terz'Ordni Franġiskan fl-1938 bdiet ħierġa għall-ewwel darba l-purċissjoni tal-Irxoxt li sa s-snin disgħin kienet toħroġ fil-għaxija. L-ewwel statwa tal-Irxoxot kienet xogħol Karmnu Galea (il-Qamru) sakem inbidlet fl-1981 ma' vara ta' Glormu Dingli.

Iżda l-akbar opra tal-arti kienet lesta fit-18 ta' Diċembru 1938 meta waslet il-vara titulari ta' San Sebastjan xogħol l-iskultur Belti Ġorġ Borg. Din l-istatwa fuq għamla klassika hija

'milestone' fl-ikonografija proċessjonali Maltija għax kienet minn tal-bidu li nqatgħet mill-idjoma tradizzjonali u xi ftit melodrammatika Barokka. Din il-vara nżebgħet mill-pittur Toussaint Busuttil.

Fuq pjanti tal-perit Arthur Zammit iżda iffirmati mill-perit Annetto Mifsud Ellul bdiet tinbena l-knisja l-ġdida ta' San Sebastjan fl-1939. Din kellha tinbena fuq kripta u ntgħażel stil klassiku astratt fejn erba' kampnari baxxi mat-truf jeżaltaw koppla għolja u monumentali fin-nofs. Ix-xogħol fuq din il-Knisja waqaf minħabba l-gwerra iżda fil-21 ta' Jannar 1946 sar it-tqegħid tal-ewwel ġebla li ġiet imbierka mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. L-ewwel quddiesa fil-kripta tqaddset fl-1948 meta s-saqaf kien għadu mhux lest. Fl-20 ta' Lulju 1952 tbierket il-kripta mill-Arċisqof Gonzi. Sar artal għall-kripta xogħol Manwel Borg Gauci artist Qormi. Wara li tlestiet il-kripta beda x-xogħol fil-knisja propja li waqaf fl-1956 minħabba nuqqas ta' fondi.

Il-parrokat tat-tieni kappillan Dun Gużepp Cauchi beda bl-inkwiet. F'jum il-pussess, fl-10 ta' Novembru 1957, membri tal-kumitat "Spiteri Fremond" li riedu li l-parroċċa tingħata lil xi ordni tal-patrijiet protestaw kontra l-kappillan ġdid. Il-Banda Pinto li mit-twaqqif tal-parroċċa kienet iddoqq fil-festa kienet irrifjutat li ddoqq fil-festa tal-1956 u fil-pussess tal-Kappillan Cauchi. L-inkwiet inqalgħa l-aktar minħabba l-frustrazzjoni li x-xogħol fuq il-knisja kien għaddej bil-mod u minħabba li kien hemm ftit qassisin iservu f'parroċċa li dejjem kull ma jmur bdiet tikber. Madankollu il-kappillan Cauchi kompla bil-bini tal-Knisja. Dan ix-xogħol ma waqafx minkejja diversi ntoppi sa ma miet il-kappillan Cauchi fid-9 ta' Marzu 1969.

It-tielet parrokat ta' Dun Vinċenz Deguara huwa l-aktar wieħed mimli paġni sbieħ għall-parroċċa. Kien taħt il-parrokat tiegħu li ġew riżolti l-problemi strutturali tal-knisja wara l-konsultazzjoni ma' diversi periti. Biex sar dan ir-ristrutturar ngħalqet għal xi żmien. L-aħħar biċċa uġigħ ta' ras għall-Kappillan Deguara kienet il-koppla majestuża. Il-problemi solvihom l-inġinier Italo Raniolo li għamel koppla tal-konkrit b'dijametru intern ta' 21 metru u li mill-art sal-ponta tas-salib hija għolja 44.6 metru. Is-salib li jgħalaq il-koppla tqiegħed u tbierek fid-19 ta' Ottubru 1980 mill-Arċisqof Emeritus Gonzi. Kif inhu xieraq il-perit ta' din il-koppla li ħalliena din is-sena sarlu l-funeral solenni tiegħu taħt dan l-ispazju meraviljuż.

Fid-29 ta' Mejju 1982 il-poplu Qormi feraħ meta tbierket il-knisja l-ġdida mill-Arċisqof Mons. Gużeppi Mercieca. Biż-żmien din il-knisja żżejnet b'opri artistiċi sbieħ fl-irħam, fil-bronż, fil-fibre u fil-ġebla. Tal-iskultur Mosti Ganni Bonniċi huma it-tabernaklu (1983) il-Via Sagra (1986), l-artal (1987), l-ambone (1987), Kristu Imsallab (1988), is-sacrarium (1988), il-friż (1988) u s-sedja tal-irħam (1988). Fl-1986 ġiet indurata mill-ġdid il-vara ta' San Sebastjan minn Michael Camilleri Cauchi u Horace Farrugia taħt id-direzzjoni ta' Ġanni Bonnici. Leonard Farrugia ħadem in-niċċa tal-injam ta' San Sebastjan bejn l-1984 u l-1986. Fl-1983 kienet saret statwa tal-Madonna ta' Lourdes u oħra ta' Santa Bernardetta mill-iskultur Qormi Manwel Borg Gauci li tqiegħdet fiz-zuntier tal-ġenb. Fuq in-naħa l-oħra fl-1979 kien sar arloġġ tax-xemx mill-inġinier Qormi Dun Ġorġ Fenech. Fl-1986 saru żewġ statwi tal-ġebel għal fuq iz-zuntier ta' San Pietru u San Pawl. Dawn huma l-aħħar xogħol tal-iskultur Qormi Marku Montebello. Il-Knisja ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca fl-1986.



F'dan iż-żmien il-festa kompliet tikber bil-marċi kbar li torganiżża kull sena l-Banda Pinto imwaqqfa fl-1862. Fl-1979 inbniet il-kamra tan-nar fl-inħawi tal-Ħandaq taħt it-tmexxija ta' Baldassare Facciol (il-Baldass). Fl-1984 twaqqfet l-għaqda tal-armar li ta' kull sena iżżejjen it-toroq Qormin fil-ġranet tal-festa. Taħt il-presidenza ta' Sebastian Debono il-Banda Pinto xtrat kompletament u sebħet is-sede tagħha fit-Triq San Sebastjan.

Ir-raba' parrokat ta' Dun Charles Cordina wassal biex isir pedestal ġdid għall-istatwa titulari ta' San Sebastjan. Dan il-pedestal ġie preżentat fis-27 ta' Ġunju 1994 u huwa xogħol Frans Galea li miet fl-14 ta' Frar 1994 waqt li kien fl-Italja jara x-xogħol sfortunatament dan il-pedestal kellu jinbidel meta dehru xi tbajja suwed fuq id-deheb tal-panewijiet tal-bronż u fuq il-ġwienaħ tal-ajkla. Minfloku sar pedestal diżinjat minn Renzo Gauci fl-2004.

Il-ħames parrokat ta' Dun Walter Cauchi jibda' l-aktar magħruf għal żewġ avvenimenti kbar fil-parroċċa. L-ewwel avveniment sar fl-1998 meta waslu fil-parroċċa s-sett ta' qniepen ġodda kif ukoll arloġġ tad-ditta Taylor tal-Ingilterra. Il-qanpiena l-kbira "Sebastjana" tiżen 51.25 qantar u tħallset mill-parruċċani. L-oħrajn saru minn benefatturi u huma: Veneranda, Frangiska – Pawlu, Katerina, Maria, u Ċetta-Albinu. Iż-żewġ qniepen tal-arloġġ jisimhom Josefa u Katerina. L-avveniment kbir ieħor kien il-ftuħ taċ-ċentru parrokkjali fl-2007. Il-parti ta' fuq semmewh "Ċentru Pastorali San Senbastjan" u nfetaħ mill-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona fis-27 ta' Mejju 2007. Il-parti t'isfel issemmiet "Ċentru Pastorali Madonna tal-Bon Kunsill" ġiet inawgurata mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Merċieca fid-29 ta' Mejju 2007.

L-istorja ta' din il-parroċċa, Ilum taħt is-sitt kappillan tagħha Dun Joe Buhagiar, kellha mumento sbieħ u koroh. Sbieħ meta tlestew opri sbieħ li juru r-reliġjożita' u l-qima tal-Qormin. Koroh meta nqala' l-inkwiet jew meta mietu fi traġedji tan-nar nies bħal:- Ġorġ Vella (il-Magħluba), Baldassare Facciol (il-Baldass), Charlie Cauchi (il-Masmarrun), Fredu Stellini, u Damian Agius. Nispiċċa dan l-artiklu billi mill-qalb nirringrazzja dawk il-qassisin u membri oħra tal-kleru u ta' organiżazzjonijiet volontarji li tul iż-żmien ħadmu biex il-parroċċa ta' San Sebastjan hi dik li hi llum.

Il-Festa t-tajba lill-Qriema kollha

***Bibljografija:*** *Dan l-artiklu huwa meħud mill-ktieb ta' Dun Gwann Bugeja u Dr. Joseph Grima "Minn Grajjet il-Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi"*